

Id-Disa' Awla Estiża, komposta minn ħames Imħallfin:

G. Berardis, President tal-Awla, O. Czúcz, I. Pelikánová, A. Popescu u E. Buttigieg, Imħallfin.

Id-Disa' Awla, komposta minn tliet Imħallfin:

G. Berardis, President tal-Awla;
O. Czúcz, Imħallef;
A. Popescu, Imħallef.

Kriterji ta' assenjazzjoni tal-kawżi lill-awli

(2013/C 313/06)

Fit-23 ta' Settembru 2013, il-Qorti Ġenerali stabbilixxiet kif ġej il-kriterji għall-assenjazzjoni tal-kawżi lill-awli għall-perijodu mit-23 ta' Settembru 2013 sal-31 ta' Awwissu 2016, skont l-Artikolu 12 tar-Regoli tal-Proċedura:

1. L-appelli mid-deċiżjonijiet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku huma assenjati, mill-preżentata tar-rikors, bla ħsara għal applikazzjoni ulterjuri tal-Artikoli 14 u 51 tar-Regoli tal-Proċedura, lill-Awla tal-Appell.
2. Il-kawżi l-oħra li ma jaqgħux taħt il-paragrafu 1 huma assenjati, mill-preżentata tar-rikors u bla ħsara għal applikazzjoni ulterjuri tal-Artikoli 14 u 51 tar-Regoli tal-Proċedura, lill-awli komposti minn tliet Imħallfin.

Il-kawżi li jaqgħu taħt dan il-paragrafu jitqassmu bejn l-awli skont tliet listi differenti stabbiliti skont l-ordni ta' reġistrazzjoni tal-kawżi fir-Reġistru:

- għall-kawżi li jirrigwardaw l-implementazzjoni ta' regoli ta' kompetizzjoni applikabbli għall-impriżi, ta' regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat u ta' regoli dwar il-miżuri ta' difiża kummerċjali;
- għall-kawżi li jirrigwardaw id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali msemmija fl-Artikolu 130(1) tar-Regoli tal-Proċedura;
- għall-kawżi kollha l-oħra.

Il-President tal-Qorti Ġenerali jista' jidderoga minn dawn il-listi sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-konnessjoni ta' ċerti kawżi jew sabiex jiżgura li x-xogħol jiġi assenjat b'mod ibbilanċjat.

Seduta Plenarja

(2013/C 313/07)

Fit-23 ta' Settembru 2013, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, għall-perijodu mit-23 ta' Settembru 2013 sal-31 ta' Awwissu 2016 u skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 32(1) tar-Regoli tal-Proċedura, li, jekk wara n-nomina ta' Avukat Ġenerali skont l-Artikolu 17 tar-Regoli tal-Proċedura, l-imħallfin ikun b'numru żewġ fis-seduta plenarja tal-Qorti Ġenerali, il-lista stabbilita minn qabel, applikabbli matul il-perijodu ta' tliet snin li għalih jiġu eletti l-Prezidenti tal-Awli komposti minn ħames imħallfin, li biha l-President tal-Qorti Ġenerali jaħtar l-imħallef li ma huwiex ser jieħu sehem fl-għoti tad-deċiżjoni fuq il-kawża, tkun f'ordni invers għall-preċedenza li l-imħallfin jingħataw skont l-anzjanità fil-kariga tagħhom kif stabbilit fl-Artikolu 6 tar-Regoli tal-Proċedura, ħlief jekk l-imħallef hekk maħtur ikun l-imħallef relatur. F'dan l-aħħar każ, ikun l-imħallef li jiġi minnufih qablu fl-ordni ta' preċedenza li jinħatar.
